KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 11 – Il-ĦAMIS, 3 TA' APRIL 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 10.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

11.1.1 Ma kienx hemm.

## 11.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

11.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (11) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Fuq osservazzjoni tal-Kunsillier Mario Fenech,
fuq deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill fis-seduta preċedenti dwar il-pożizzjoni tal-magna tal-BCRS Malta fil-lokalità tal-Iklin, kien deċiż b'mod unanimu li minħabba d-diffikultà fl-għażla ta' sit ideali għal depożitu tal-magni u d-diffikultajiet li jġibu magħhom, il-Kunsill iddeċieda li jassisti fil-kampanja li qed issir minn BCRS Malta billi l-klijenti jinqdew mill-ħwienet tal-merċa li


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

nsibu fil-lokalità, fejn wieħed ikun jista jħalli l-*beverage containers* fil-ħwienet tal-merċa u jieħu rifużjoni fuq il-post. BCRS Malta qed tistieden lill-ħwienet tal-merċa biex jipparteċipaw f'din l-inizjattiva biex tonqos il-pressjoni fuq il-magni u jonqsu t-traġitti biex wieħed ikun jista jinqeda xorta waħda.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

11.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 11.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

11.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li matul dan il-perjodu kien għaddej l-Audit għas-sena 2024.

11.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras tkellem dwar l-iskema dwar Lokalitajiet aktar Nodfa – SPI/SCI/03/2025 fejn il-Kunsill irid jieħu deċiżjoni dwar jekk hux ser jieħu sehem fil-kampanja '*The World Clean Up day campaign*' f'Settembru li ġej. Spjega li s-sena li għaddiet il-Kunsill kien ipparteċipa f'isem il-Kunsill Reġjonali Lvant.

Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Mary Grace Gusman irreferiet għal-laqgħa li sejħet mal-Iklin Scout Group aktar kmieni din is-sena u spjegat li l-Kunsill jista jallaċċa din l-inizjattiva ambjentali ma' Iklin Scout Group.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu japplika b'mod individwali u ġiet stabbilita d-data tas-Sibt, 27 ta' Settembru. Il-Kunsill ser ikun qed jitkellem mal-għaqdiet tal-lokal u s-sotto-Kumitati. Il-Kunsill se jkun qed jara l-possibiltà li nkellmu lill-Public Cleansing Department biex jinġieb il-karattru ta' Xummiemu għaliex jattira t-tfal u ċertament jekk din l-attività tieħu forma ta' Fun Day, din tibqa ġurnata memorabbli.

Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Mary Grace Gusman biex il-Kunsill japplika għal din l-iskema. Il-Kunsill approva unanimament.

11.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li l-kontenut tal-petizzjoni kienet għaddiet lill-Kunsilli Lokali ġirien li kienu lkoll ffirmaw dikjarazzjoni biex flimkien inkomplu nindirizzaw l-issue tal-irwejjaħ tossiċi għall-ġid komuni tar-residenti. Is-Sindku informa li kien ser jagħti ġimgħa ċans biex il-Kunsill imexxi bil-petizzjoni . Sallum hemm ikkonfermati l-Kunsill Lokali Ħal Balzan, Kunsill Lokali Ħal Lija, Kunsill Lokali Swieqi u Kunsill Lokali Birkirkara.

11.3.4 Is-Sindku Dott Sciberras informa li kellu laqgħa tas-sotto-kumitat ma' Dott Peter Agius MEP dwar l-*issue* tal-irwejjaħ tossiċi. Min-naħa tiegħu, Dott Agius ser jipprova jimbotta l-*issue* fuq bażi Ewropeja però talab dokument li fih jinkorpora riċerka legali fuq diversi fatturi li jiffurmaw bażi legali biex ikun jista jinfetaħ każ quddiem l-Unjoni Ewropeja, dwar regolamentazzjoni tal-impjanti tat-tarmac u/jew għall-impjanti simili fl-Unjoni Ewropeja, liġijiet ta' inkonvenjent u l-kontroll tat-tniġġiż minn impjanti kummerċjali f'Malta u fl-Unjoni Ewropeja. F'dan ir-rigward, is-sotto-kumitat irrakkomanda lill-Avukatessa Alexia Cassar li tispeċjalizza f'dan il-kamp li tkun lesta tagħmel dan l-eżerċizzju għall-Kunsill Lokali L-Iklin.

Is-Sindku ippreżenta l-proposta għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill. L-ispejjeż legali għal dan is-servizz huwa ta' Eur3k VAT eskluż u jitlesta fi żmien xhar minn meta jiġi ffirmat *Letter of engagement*. Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Bartolo biex jawtorizzaw l-ispiża. Il-Kunsill approva *nem con.*

11.3.5 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq il-Wied. Fil-proposta oriġinali kien hemm il-ħsieb li jsiru ħames *pelican lights* però dawn ġew ridotti għal sett wieħed quddiem residenza li qed toġġezzjona bil-qawwa kollha għall-fatt li kull tip ta' infrastruttura qegħda fil-viċinanzi tar-residenza tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Kunsill issottometta talba quddiem l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għall-implimentazzjoni ta' *pedestrian crossing* bħala alternattiva għal *pelican lights*. Din it-talba ġiet approvata mill-Awtorità u se nkunu qed ninfurmaw lill-Aġenzija Infrastructure Malta b'din id-deċiżjoni.

11.3.6 Is-Sindku Dott Sciberras reġa aċċenna dwar il-ħsejjes ġġenerati mit-tappieri tal-WSC li hemm fi Triq il-Wied. Il-Kunsill ilu għal dawn l-aħħar snin jilmenta mal-Aġenzija IM dwar l-inkonvenjent kbir li qed jikkawża lir-residenti ta' Triq il-Wied.

Id-diffikultà hija waħda rikorrenti u l-Kunsill għadu qed jitlob lill-Aġenzija IM bħala l-*project implementer* biex jirrimedja qabel mal-kuntrattur appuntat jgħaddilu ż-żmien ta' *defect liability period*. Is-Sindku kien infurmat li f'dawn il-ġranet ġie assenjat kuntrattur biex jaħdem fuq dawn il-*manhole covers*.

11.3.7 Is-Sindku Dott Sciberras aċċenna dwar id-diffikultà tal-*overflow* ta' drenaġġ fit-triq fejn hija sitwazzjoni inaċċettabbli. Informa li minkejja li riċentement l-Kunsill kellu laqgħa ma' Chief Officer tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u fejn taw il-kelma li tlestew l-istimi, però il-Kunsill għadu qed jistenna li jsiru dawn ix-xogħlijiet biex tissolva d-diffikultà tal-*overflow* tad-drenaġġ darba għal dejjem. Is-Sindku iħoss li l-Kunsill għandu jitkellem mal-Avukat dwar din il-kwistjoni u ssir petizzjoni bil-firem tar-residenti biex issir pressjoni fuq il-Korporazzjoni.

Is-Sindku laqa' suġġerimenti li saru mill-Kunsillier Matthew Fenech u se jkun qed jikkomunika mall-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

11.3.8 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar ix-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq il-Klin fejn ix-xogħlijiet mexjin b'ritmu tajjeb iżda hemm xi ilmenti min-naħa tar-residenti li jridu jiġu ndirizzati mall-Perit assenjat fuq dan il-proġett.

Is-Sindku laqa' l-kummenti li saru mill-Kunsillieri Mary Grace Gusman u Matthew Fenech dwar xi nuqqasijiet fl-operat tal-kuntrattur u wiegħed li ser ikun qed jitkellem mall-Perit in kwistjoni.

## 10.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

10.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-12 ta' Marzu u l-1 ta' April 2025 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (12 March - 1 April 2025)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 66 | 15/03/2025 | Bozza tteptep ħafna fi Triq iż-Żebbuġa L10728 | pending | Triq iż-Żebbuġa | **ENEMALTA** |
| 67 | 17/03/2025 | Hemm 2 stop cock covers miksurin quddiem 'Casa Mangion', Triq iċ-Ċitru | pending | Triq iċ-Ċitru | **WSC** |
| 68 | 17/03/2025 | Din ir-residenta qed tilmenta li l-vetturi qed jipparkjawlha mal-garaxx u ma' tkunx tista' tidħol. Qed titlob *refresh* tal-linji sofor u xi bollards | settled | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |
| 69 | 17/03/2025 | Wara li taw tarmac fi Triq A Buttigieg il-kuntrattur ħalla ħafna żrar u ħmieġ warajh | pending | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |
| 70 | 18/03/2025 | Sqaq ta fejn Triq K Vassallo dejjem maħmuġ wara l-klieb | pending | Triq K Vassallo | **COUNCIL** |
| 71 | 18/03/2025 | Tabella baxxa fi Triq A Cuschieri faccata ta 24 | pending | Triq A Cuschieri | **COUNCIL** |
| 72 | 17/03/2025 | Drenaġġ fi Triq Ġeronimo Abos | pending | Triq Ġ Abos | **WSC** |
| 73 | 21/03/2025 | Hemm id-dwal taz-*zebra crossing* ta' fuq nett ta' Triq il-Wied mhux jixgħel u qed tkun ta' periklu biex jaqsmu n-nies meta jidlam | pending | Triq il-Ħarruba | **COUNCIL** |
| 74 | 22/03/2025 | Bozza maqtugħa fuq arblu L029/28 fi Triq Carmelo Pace c/w Triq Enrico Naudi | pending | Triq Carmelo Pace | **ENEMALTA** |
| 75 | 24/03/2025 | Hemm bozza tixgħel u titfi fi Triq il-Għargħur faccata ta' Zarb Coaches Head Office | pending | Triq il-Għargħur | **ENEMALTA** |
| 76 | 24/03/2025 | Hemm bzonn jiżdied id-dawl fi Triq il-Għargħur bejn il-Cortile u l-Aria | pending | Triq il-Għargħur | **COUNCIL** |
| 77 | 24/03/2025 | Hemm bzonn jinqata' l-ħaxix fi Triq il-Għargħur għax kiber ħafna | pending | Triq il-Għargħur | **Cleansing** |
| 78 | 24/03/2025 | Leakage fuq bankina quddiem 44 Triq A M Galea | pending | Triq A M Galea | **WSC** |
| 79 | 25/03/2025 | Diversi *covers* miksurin tal Go plc fi Triq Wied | pending | Triq Wied | **GO plc** |
| 80 | 27/03/2025 | Hemm tappiera tħabbat quddiem il-47 Triq il-Wied. Ilu ħafna jilmenta. | pending | Triq il-Wied | **IM** |
| 81 | 28/03/2025 | Hemm tappieri jħabbtu quddiem 107, Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **IM** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 82 | 28/03/2025 | Hemm żewġ bozoz maqtugħin L018/28 u L022/28 fi Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 83 | 26/03/2025 | Water culvert miksur fi Triq Wied ' il fuq minn Razzett L-Aħmar | settled | Triq Wied | **IM** |
| 84 | 28/03/2025 | Bozza fuq arblu mitfija L01528 fejn 13 Triq Alfred Gerada | pending | Triq A Gerada | **ENEMALTA** |
| 85 | 01/04/2025 | Talba għall-implimentazzjoni ta' *speed humps* fi Triq iż-Żebbuġa | pending | Triq iż-Żebbuġa | **COUNCIL** |
| 86 | 01/04/2025 | Dan ir-resident qed jilmenta fuq il-kostruzzjoni li qed issir fi Triq Mons P.P Saydon c/w Triq Ċensu Busuttil. Qed ikunu ta' inkonvenjenza għalih minħabba l-istorbju | pending | Triq Ċ Busuttil | **COUNCIL** |
| 87 | 01/04/2025 | Hemm gutter fuq bankina miksur fi Triq Ċ Bugeja. Qiegħed ta' periklu għan-nies li jgħaddu minn fuq bankina | pending | Triq Ċ Bugeja | **COUNCIL** |

## 11.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

11.5.1 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman staqsiet jekk kienx hemm żviluppi dwar l-implimentazzjoni ta' *Slow signs* fi Triq ir-Razzett l-Aħmar peress li l-imsemmija triq hija ristretta u t-triq hija disinjata bħala *two-way traffic*.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li se nkunu qed naraw din it-talba ma' Transport Malta.

11.5.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet jekk hux possibbli li jsiru *speed humps* fi Triq iż-Żebbuġa għaliex avviċinawha xi residenti fl-imsemmija triq li qed jitilgħu vetturi u inġenji oħra bi speed eċċessiv.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li nitolbu l-kunsens tar-residenti qabel ma l-Kunsill japplika għall-implimentazzjoni ta' *speed humps* ma' Transport Malta.

11.5.3 Is-Sindku Dott Sciberras staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar l-introduzzjoni ta' *speed humps* fi Triq San Mikiel.

Is-Segretarju Eżekuttiv se jara f'liema stadju waslet din it-talba.

## 11.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

11.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

11.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mario Fenech.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

11.6.3 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Servizz legali in konnessjoni ma' regolamentazzjoni dwar l-impjanti tal-asfalt mingħand il-fornitur Dott Alexia Cassar għall-ispejjeż legali ta' Eur3k VAT eskluż;
2. Xiri ta' servizz mingħand il-fornitur A&S Signs & Events għall-prezz ta' Eur115.50 VAT inkluż;
3. Xiri ta' servizz mingħand il-fornitur G4S Security Services għall-prezz ta' Eur708.00 VAT inkluż;
4. Xiri ta' servizz mingħand il-fornitur Silvio's Weddings & Events għall-prezz ta' Eur1062 VAT inkluż;
5. Xiri ta' servizz mingħand il-fornitur Venscic Co. Ltd għall-prezz ta' Eur271.40 VAT inkluż;
6. Xiri ta' servizz mingħand il-fornitur Għaqda Mużikali San Pio X għall-prezz ta' Eur531.00 VAT inkluż;
7. Xiri ta' servizz mingħand il-fornitur The Rose Shop għall-prezz ta' Eur140.00
8. Xiri ta' servizz ta' Risk Assessment mingħand il-fornitur Inline Management of Health & Safety għall-prezz ta' Eur348.10 VAT inkluż;
9. Xiri ta' servizz art installation mingħand il-fornitur Stephen Frank Bonello għall-prezz ta'Eur600 VAT inkluż;

10. Xiri ta' servizz ta' technician/PA system mingħand il-fornitur Audio Works Pro Audio & Lighting Equipment Rentals għall-prezz ta' Eur389.40 VAT inkluż;
11. Xiri ta' servizz mingħand il-fornitur Jurgen Farrugia għall-prezz ta' Eur270.00 VAT inkluż;
12. Xiri ta' servizz mingħand il-fornitur Dancel Dance Studio għall-prezz ta' Eur1,550 VAT exempt;
13. Xiri ta' servizz mingħand il-fornitur Ta' Verna Folk Group għall-prezz ta' Eur480 VAT inkluż;
14. Xiri ta' servizz mingħand il-fornitur Malta Tourism Authority għall-prezz ta' Eur225.00 VAT inkluż;
15. Xiri ta' servizz għall-PVC banners mingħand il-fornitur icreate għall-prezz ta' Eur613.60 VAT inkluż;
16. Xiri ta' servizz għall-Outdoor trussing mingħand il-fornitur icreate għall-prezz ta' Eur1982.40 VAT inkluż;
17. Xiri ta' servizz ta' fotografija mingħand il-fornitur Carl Farrugia għall-prezz ta' Eur150.00 VAT inkluż;
18. Xiri ta' servizz ta' First Aid mingħand il-fornitur Mediforce Ambulance għall-prezz ta' Eur206.50 VAT inkluż;
19. Xiri ta' servizz ta' reklamar mingħand il-fornitur Y Ltd għall-prezz ta' Eur1770 VAT inkluż;
20. Xiri ta' servizz ta' stampar mingħand il-fornitur tenotwocreative għall-prezz ta' Eur112.10 VAT inkluż;
21. Xiri ta' servizz għal żabra ta' siġar ta' Pjazza Ninu Cremona mingħand il-fornitur Mifsud Landscaping għall-prezz ta' Eur1,440.20 VAT inkluż;

## 11.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

11.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

11.7.2 Applikazzjoni PA/02123/25 – Triq Alfons Marija Galea L_Iklin 'To sanction relocation of services at roof level from that approved in PA/2858/18 and minor differences in internal heights.

11.7.3 Applikazzjoni PA/01969/25 – Triq il-Ħwawar L-Iklin 'To demolish existing residential unit and construct fuel service station, including a take away (drive through) facility at ground floor level, a preparation area and store at basement level, the placement of underground fuel tanks and oil-water separator, plus other additions and alterations.

11.7.4 Applikazzjoni PA/00725/25 – Triq Ċensu Busuttil and Wesgħa J.B. Scicluna, L-Iklin 'To demolish existing terraced house, excavate basement for private garages, and construct 1 maisonette at ground floor level and 1 garage, 2 apartments at first, second and third floor respectively and two penthouses at receded floor level (9 units in total).

11.7.5 Applikazzjoni PA/01736/25 – Triq Carmelo Pace L-Iklin 'Renewal of PA/07881/16 (Proposed alterations to side and back facades, interior layout and external landscaping including pool – the all not visible from Triq Carmelo Pace.

11.7.6 Applikazzjoni PA/1304/20 – Sanctioning of existing structures (including jaw crusher, conveyor, weighing scale and generator). Sanctioning of stockpiling base, machinery parking area and existing hard landscape within part of the site. Sanctioning of additions to pre-1968 structures (fuel point for private use only in relation to the site, fuel tank and water tank). Proposed extension to stores and parking area for heavy machines approved by virtue of PA/02530/04 and construction of office space. Proposal also includes roofing over the existing conveyor, non-solid screen for fuel tank on top of pre-68 building, and two security gates within the approved boundary wall. Site at Road Servicing Ltd, Triq il-Ħwawar, Ix-Xwieki L-Iklin.

## 11.8 AĠĠORNAMENT DWAR FESTA FJURI 2025

11.8.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li preżentement l-amministrazzjoni għaddejja bil-preparamenti kollha neċessarji nkluż l-arranġamenti meħtieġa mall-Kummissarju tal-Pulizija, Tranpsort Malta, l-Aġenzija LESA minħabba l-immaniġġjar tat-traffiku għall-lejliet u nhar l-attività kulturali Festa Fjuri.

11.8.2 Imbagħad stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħti *briefing* aġġornament dwar *layout plan*, servizzi u loġistika.

11.8.3 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman staqsiet jekk il-Kunsill jistax jorganizza aħjar rigward id-distribuzzjoni tax-xitel lejn tmiem l-attività. Mill-esperjenza tal-attivitajiet passati, tinnota li jkun hemm min jieħu aktar milli suppost filwaqt li oħrajn jibqgħu b'xejn. Talbet il-possibiltà li l-Kunsill jistudja x'inhu l-aħjar li jsir biex ikun hemm distribuzzjoni ġusta.

11.8.4 Il-Kunsillier Matthew Fenech issuġġerixxa li x-xitel ma jitħallewx fi *trays* u b'hekk tagħmilha ferm aktar diffiċli fl-immaniġġjar. Dan il-metodu biss tista tkun is-soluzzjoni.

11.8.5 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għamlet riferenza għall-ewwel laqgħa tal-Kunsill tat-Tfal li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u esprimiet l-idejat li joħrorġu bihom it-tfal. L-immaġinazzjoni u l-kreattività tagħhom hija waħda tal-għaġeb.

Proprju fuq dan il-punt, il-Kunsillier Mary Grace ħarġet bl-ideja li nistiednu l-Kunsill tat-Tfal ikun parteċipi fl-edizzjoni Festa Fjuri.

11.8.6 Is-Sindku Dott Sciberras stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega proposta għall-edizzjoni Festa Fjuri li tirrigwarda *street performance* ta' żifna bit-tema tal-fjuri li fija madwar 6 mins u din tiġi ripetuta kull kwarta bejn il-1100hrs u 1300hrs. Dan huwa grupp ta' madwar 17-il żeffiena minn Dancel Dance Studio lebsin il-kostum tal-weraq, relatata mat-tema Festa Fjuri li tista tkun attrazzjoni għall-pubbliku preżenti.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li dan il-grupp jiġi mistieden għall-edizzjoni Festa Fjuri.

11.8.6 Wara diskussjoni wiesgħa dwar is-suġġett, is-Sindku ikkonkluda li fil-jiem u l-ġimgħat li ġejjin ser tibda l-kampanja pubbliċitarja biex nippromwovu l-attività mall-komunità tal-Iklin u l-pubbliku nġenerali. Fil-fatt, ġiet ippreżentata kwotazzjoni għal xiri ta' reklamar fuq radio lokali frekwenza 101.8 li għandu l-aqwa sondaġġi skont *audience surveys* maħruġa mill-Awtorità tax-Xandir.

11.8.7 Fl-aħħarnett, il-Kunsill awtorizza l-ispejjeż kollha relatati mal-attività kulturali Festa Fjuri 2025.

## 11.9 TIĠDID TAL-KIRJA DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TA' PROPRJETÀ PUBBLIKA FIS-SIT PATRI ANASTASJU CUSCHIERI

11.9.1 Is-Sindku Dott Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar it-tiġdid tal-kirja dwar l-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika fis-sit ta' Triq Patri Anastasju Cuschieri.

Is-Sindku għamel riferenza għall-kuntratt li kien ġie iffirmat u daħal fis-seħħ nhar il-15 ta' Lulju 2010 għall-perjodu ta'

ħmistax (15) il-sena, li jista jerġa jiġġedded għal ħmistax il-sena oħra. Matul iż-żmien tal-kirja, il-Kunsill Lokali L-Iklin qed iħallas Eur950.00 fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem.

11.9.2 Wara diskussjoni, is-Sindku Dott Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex issir talba lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex issir talba għat-tiġdid tal-kirja tas-sit fi Triq Patri Anastasju Cuschieri, Government Tenement No. E21077.

11.9.3 Il-Kunsill approva *nem con.*

11.9.4 Is-Sindku Dott Sciberras talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex isejjaħ laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onor. Alison Zerafa Civelli biex niddiskutu l-amministrazzjoni pubblika tas-sit vis-à-vis il-proġett propost tal-Kunsill – riġenerazzjoni ta' Pjazza Ninu Cremona.

## 11.10 AĠĠORNAMENT DWAR IX-XOGĦLIJIET PROPOSTI FI TRIQ ANTON BUTTIGIEG

11.10.1 Is-Sindku Dott Dorian Sciberras ta *briefing* dwar ix-xogħlijiet li jridu jisru mill-kuntrattur Bava Holdings b'fondi mill-Public Works Department. Is-Sindku spjega li ntalbet laqgħa b'urġenza fuq is-sit biex naraw x'qed iżomm lill-kuntrattur milli jibda bil-proġett. Il-Perit tal-Kunsill ġie mitlub mill-Public Works Department biex idaħħal *Development Notification Order* permit għal darba tliet darbiet peress li DNO ma kienx ikopri t-twaqqiegħ u *reinstatement* ta' turġien eżistenti u peress li l-istess turġien huma adjaċneti ma' terza proprjetà, kien meħtieġ li l-Kunsill jottjeni DNO biex eventwalment jinġieb il-*clearance* mill-Building & Construction Authority biex ikunu jistgħu jsiru x-xogħlijiet.

Da parte tal-Kunsill, ġie kkummissjunat Health & Safety Supervisor a spejjeż tal-Kunsill biex jipprepara dokument *Construction Notififcation Form* biex jiġi sottomess lill-OHSA.

Da parte tal-Public Works Department, il-Perit assenjat qed jistenna *modus operandi* min-naħa tal-Kuntrattur Bava Holdings Ltd.

Is-Sindku ikkonkluda li x'imkien hemm xi ħaġa nieqsa biex il-proġett ma jistax jimmaterjalizza u għaldaqstant intalbet laqgħa skedata għal it-Tlieta 8 ta' April fuq il-post fejn se jkunu preżenti l-*istakeholders* kollha kkonċernati bit-tama li sa fl-aħħar jibdew ix-xogħlijiet li tant ilu mistenni biex jitneħħa l-periklu. Aktar minn kollox, il-Kunsill applika biex jottjeni l-fondi mill-Public Works Department biex jitneħħa l-periklu li huwa kkawżat mill-egħruq tas-siġar eżistenti fi Triq Anton Buttigieg.

11.10.2 Il-Kunsillier Matthew Fenech offra li jattendi għal dan is-*site meeting* biex jagħti l-kontribut tiegħu.

## 11.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

11.11.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 29 ta' April 2025 fil-5.00 pm.

11.11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' April 2025 fil-5.00 pm.

11.11.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.40 p.m.

| | |
|---|---|
| **Dott Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |